MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Citazzjoni Numru. 286/1998/1

**Marsovin Limited**

**Vs**

**Joseph Portelli u Dorothy Portelli f' isimhom proprju u ghall-Buskett Road House;**
**U b' digriet tas-26 ta' Frar 1999 giet kjamata in kawza s-socjeta` Buskett Leisure Park Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fit-12 ta' Frar 1998 li bih s-socjeta` attrici premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi s-socjeta` attrici ghandha tiehu minghand il-konvenuti f' isimhom proprju u ghad-ditta Buskett Road

House, is-somma komplessiva ta’ sitt elef u disa’ mitt lira, erbgha u erbghin centezmu u disa’ millezmi (Lm6900.44,9); kwantu ghal elfejn, mija u dsatax-il lira Maltija, tmienja u disghin centezmu u seba’ millezmi (Lm2119.98,7), bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ prodotti lilhom mibjugha u konsenjati fir-Road House, Buskett, kif jidher mill-prospett (Dok. “B”) u kwantu ghas-somma ta’ erbat elef, seba’ mija u tmenin lira Maltija, sitta u erbghin centezmu u zewg millezmi (lm4780.46,2) bilanc ta’ somma akbar, import ta’ restituzzjoni ta’ self lilhom maghmul skond skrittura ta’ l-1 ta’ Gunju, 1995, (Dok. “D”) u kif jidher mill-prospett (Dok. “C”) u li saru dovuti ai termini ta’ l-istess skrittura u senjatament il-klawsola numru 7 billi ttrasferew l-istabiliment u azjenda lil terzi;

U premess illi dan id-dejn hu cert, likwidu u skadut u fil-fehma tas-socjeta` attrici l-konvenuti *proprio et nomine* m’ ghandhomx eccezzjonijiet x’ jaghtu kontra t-talba ghall-hlas ta’ l-ammont mitlub, u ghalhekk hu l-kaz li din il-Qorti tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur ta’ l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh tal-kawza ghat-tenur ta’ l-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Tikkundanna lill-istess konvenuti *proprio et nomine* li jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija ta’ sitt elef u disa’ mitt lira Maltija, erbgha u erbghin centezmu u disa’ millezmi (Lm6900.44,9) flimkien ma’ l-imghax legali mid-data tac-citazzjoni, kwantu ghal elfejn mija u dsatax-il lira Maltija, tmienja u disghin centezmu u seba’ millezmi (Lm2119.98,7), bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ prodotti lilhom mibjugha u konsenjati skond il-prospett (Dok. “B”) u kwantu ghal erbat elef, seba’ mija u tmenin lira Maltija, sitta u erbghin centezmu u zewg millezmi (lm4780.46,2) bilanc ta’ somma akbar, import ta’ restituzzjoni ta’ self

lilhom maghmul skond il-prospett Dok. “C” u ai termini ta’ l-iskrittura ta’ l-1 ta’ Gunju, 1995, (Dok. “D”) kif fuq intqal;

Bl-ispejjez – komprizi Lm5.25,0 ta’ l-ittra legali - kontra l-konvenuti *proprio et nomine*;

Rat l-affidavit ta’ Margaret Calleja in rapprezentanza tas-socjeta` attrici u l-lista tax-xhieda minnha indikati flimkien ma’ l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat id-digriet tas-17 ta’ Marzu 1998 li permezz tieghu il-konvenut Joseph Portelli gie awtorizzat jipprezenta n-nota ta’ l-eccezzjonijiet fi zmien ghoxrin gurnata;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Portelli *et* ipprezentata fit-30 ta’ Marzu 1998 li permezz taghha huwa eccepixxa:

1. Illi preliminarjament il-konvenuti mhumiex il-legittimi kontraditturi stante li s-somma mitluba ta’ elfejn mija u dsatax-il lira Maltija u tmienja u disghin centezmu u seba’ millezmi (Lm2119.98,7) tirrapprezenta bilanc ta’ somma akbar, prezz ta’ prodotti mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` Buskett Leisure Park Limited, u ghas-somma mitluba ta’ erbat elef seba’ mija u tmenin lira Maltija u sitta u erbghin centezmu u zewg millezmi (Lm4780.46,2) li jirrapprezentaw bilanc ta’ somma akbar, import ta’ restituzzjoni ta’ self maghmul mill-konvenuti, l-istess konvenuti cedew id-debitu taghhom lis-socjeta` Frosch Touristik (Malta) Limited permezz ta’ ftehim ta’ l-24 ta’ Novembru 1995 liema assenjazzjoni kienet taf biha s-socjeta` attrici tant li saru diversi nkontri bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` Frosch Touristik (Malta) Limited qabel ma giet intavolata din il-kawza;

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-konvenuti ma ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta` attrici;

3. Illi ghandhom jigu kkjamati fil-kawza s-socjeta` Buskett Leisure Park Limited li hija l-unika debitrici tas-socjeta` attrici ghas-somma ta’ elfejn mija u dsatax-il lira Maltija u tmienja u disghin centezmu u seba’ millezmi (Lm2119.98,7);

4. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat in-nota pprezentata fis-26 ta’ Frar 1999 mis-socjeta` attrici li permezz taghha rriduciet it-talba ta’ Lm4780.46,2 bl-ammont ta’ erbat elef lira Maltija (Lm4000) u zammet ferm il-bilanc ta’ Lm780.46,2, kif ukoll it-talba taghha ta’ Lm2119.98,7 fl-intier taghha, u l-kap ta’ l-ispejjez, stante pagament akkont fil-mori tal-kawza, li sar minn terzi;

Rat id-digriet li permezz tieghu giet kjamata in kawza s-socjeta` Buskett Leisure Park Limited;

Rat in-nota pprezentata fis-16 ta’ April 1999 tas-socjeta` kjamata in kawza li permezz taghha accettat li l-ammont ta’ elfejn, mija u dsatax-il lira Maltija (Lm2119) kif jidher mid-dokument anness ma’ l-istess nota, kien dovut lis-socjeta` attrici;

Rat in-nota pprezentata fit-13 ta’ Frar 2003 tas-socjeta` attrici li permezz taghha cediet il-kawza fil-konfront tal-konjugi Portelli u zammitha ferma fil-konfront tas-socjeta` Buskett Leisure Park Limited;

Rat il-verbal tat-3 ta’ Novembru 2003 meta l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza hi ta’ facili spedizzjoni primarjament minhabba l-mod kif zvolgew il-provi fiha;

Jirrizulta b’ nota ntavolata mis-socjeta` attrici fit-13 ta’ Frar 2003 (fol. 77) illi din cediet bla ebda rizervi l-atti tal-kawza fil-konfront tal-konvenuti konjugi Portelli. L-unika rizerva li ghamlet kien di fronte ghas-socjeta` msejha fil-kawza Buskett Leisure Park Limited;

Jirrizulta minn Nota ohra prezentata mill-istess socjeta` attrici fis-26 ta’ Frar 1999 (fol. 21) illi din irreduciet is-somma reklamata minnha ghas-somma komplessiva ta’ elfejn u disa’ mitt lira, erbgha u erbghin centezmu u disa’ millezmi (Lm2900.44,9), oltre l-kap ta’ l-ispejjez;

In segwitu ghal din in-nota ta’ riduzzjoni s-socjeta` kjamata fil-kawza ntroduciet fis-16 ta’ April 1999 nota ta’ ammissjoni tat-talba attrici (fol. 24) izda limitatament ghas-somma ta’ elfejn mija u dsatax-il lira Maltija (Lm2119). Kif spjegat ulterjorment minn din is-socjeta` f’ nota ulterjuri taghha ntavolata fil-21 ta’ Frar 2001 (fol. 61) in vista ta’ din l-ammissjoni hi ma ghaddietx ‘il quddiem biex tipprezenta l-eccezzjonijiet taghha nonostante l-awtorizzazzjoni ghal daqshekk mill-Qorti permezz tad-digriet taghha tas-26 ta’ Settembru 2000;

Mill-verbal tas-seduta ta’ l-10 ta’ Lulju 2002 (fol. 74) jirrizulta illi kien intlahaq akkordju illi l-konjugi Portelli jassumu li jhallsu s-somma ta’ seba’ mija u tmenin lira, sitta u erbghin centezmu (Lm780.46,0) ghal liema kienet tirreferi x-xhieda ta’ Albert Cassar Farrugia, direttur tas-socjeta` attrici (fol. 65) u n-nota ta’ riduzzjoni precitata (fol. 21);

Jidher li din is-somma thallset mill-konjugi Portelli ghax kien in segwitu ghal dan il-verbal illi l-kawza giet ceduta fil-konfront taghhom, kif fuq gja riferit;

Hu ovvju ghalhekk li l-unika pendenza tirrigwarda s-somma ta' Lm2119.98,7.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi in raguni ta' l-ammissjoni maghmula mis-socjeta` Buskett Leisure Park Limited, imsejha fil-kawza, tikkundanna lil din is-socjeta` thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn mija u dsatax-il lira, tmienja u disghin centezmu u seba' millezmi (Lm2119.98,7) ghar-raguni dedotta fic-citazzjoni. Oltre din is-somma jithallsu l-interessi b' effett mid-9 ta' Marzu 1999, data tan-notifika lilha ta' l-att tac-citazzjoni;

L-ispejjez gudizzjarji relattivi ghal din is-somma jithallsu mill-istess socjeta` kjamata fil-kawza filwaqt li l-ispejjez fuq il-kumplament jibqghu a karigu tas-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------